***- ART. 836 (1) ; 836 (7); 836 (8) tal-Kap 12. –***

***- REVOKA TA' MANDAT KAWTELATORJU –***

***- AZZJONI DWAR PENALI –ART.836 (8) Tal-KAP12.-***

# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI.

**IMHALLEF.**

**ONOR. RAYMOND C. PACE. LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 10 ta' Mejju 2001.**

**Kawza Numru. 23**
**Rikors Numru: 286/2001/RCP ppresentat fl-atti**
**Mandat ta' Sekwestru Numru 406/2001 fl-ismijiet:-**

**Joseph u Helen Camilleri**

**vs**

**Anthony u Helen Gove`**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors tal-konjugi Anthony u Helen Gove' tal-21 ta' Frar 2001 a fol. 1 tal-process, fejn l-istess rikorrenti

talbu lil din il-Qorti tirrevoka l-Mandat ta' Sekwestru Numru 406/01 fl-ismijiet "Joseph u Helen Camilleri vs Anthony u Helen Gove' ghal kollox, u tordna lill-intimati jhallsu lir-rikorrenti il-penali ta' Lm3,000 *ai termini* tal-**artikolu 836 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta,** b'rizerva ta' kull azzjoni ta' danni ohra spettanti lill-esponenti.

Rat in-Nota Responsiva tal-intimati a fol. 46 tal-process fejn opponiet ghat-talbiet tar-rikorrenti stante li sostnew li tali Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju hareg regolarment *ai termini* tal-**artikolu 829 tal-Kap 12.**

Rat li l-istess rikors gie appuntat ghas-smiegh ghad-29 ta' Marzu 2001, u l-kawza thalliet ghall-provi kollha tal-partijiet ghas-27 ta' April 2001 fl-10.00.a.m.

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta' April 2001 fejn l-partijiet resqu x-xhieda rispettivi taghhom, u trattaw ukoll l-kaz, u ghalhekk l-istess rikors baqa' ghal digriet finali ghall-10 ta' Mejju 2001.

Rat ix-xhieda kollha prodotti.

Rat l-atti kollha tal-istess rikors.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-intimati pprezentaw Mandat ta' Sewkestru Kawtelatorju Numru 406/2001 fl-ismijiet "Joseph u Helen Camilleri vs Anthony u Helen Gove' " ghall-ammont ta' seba' t'elef u disa' mija u tnax il-lira Maltija, (Lm7,912) bilanc minn somma akbar rapprezentanti valur ta' xogholijiet ta' moghdija ta' dawl, ilma u elettriku illi saru fil-Lukanda Cape Inch Hotel, Merluzz Street, Qawra. Illi huwa pacifiku wkoll bejn il-partijiet li din l-kawzali u l-ammont huwa l-mertu ta' citazzjoni pprezentata mill-istess intimati fl-ismijiet premessi li tinsab pendenti quddiem din il-Qorti kif presjeduta Citaz. Numru 241/2001/RCP u differita ghal-10 ta' Lulju 2001.

Illi l-allegazzjoni tar-rikorrenti hija li ghalkemm l-intimati qed jitolbu l-istess somma fuq indikata bhala bilanc tal-valur tal-imsemmija xogholijiet, tali ammont bilancjali ma huwiex dovut stante li l-istess rikorrenti qed isostnu li l-valur ta' xoghol li effettivament sar kien inqas mill-valur ta' Lm18,430.48 stmat mill-Inginier Victor Bonello skond stima annessa bhala Dok. "G4" u dan ghaliex *inter alia* ix-xoghol tat-trinek ghas-servizz tad-dawl sar biss f'sitt ikmamar tal-banju u zewg *'toilets'*, u ghalhekk l-ammont imhallas mir-rikorrenti fis-somma ta' Lm14,000 huwa anke izjed minn dak l-ammont verament dovut lill-intimati u ghalhekk tali mandat ma kellu qatt jinhareg kontra r-

rikorrenti. Illi fil-fatt tali sottomissjonijiet huma l-mertu tal-eccezzjonijiet prezentati mill-istess rikorrenti fil-kawza istitwita kontra taghhom mill-istess intimati.

Illi min-naha l-ohra l-intimati jsotnu li l-valur tal-istess appalt kien ta' Lm20,784 li minnhom thallas l-ammont ta' Lm13,000, u allura baqa' bilanc ta' Lm7,784, li huwa fil-fatt il-mertu tal-azzjoni bejn l-istess partijiet pendenti quddiem din il-Qorti, u differita ghall-10 ta' Lulju 2001.

Illi jinghad mill-ewwel li ghalkemm l-istess rikors jidher li huwa bbazat fuq id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 836 (1)** li jipprovdi li:-

*"Minghajr pregudizzju ghal kull jedd iehor taht dan il-Kodici jew kull ligi ohra, l-intimat li jkun inhareg att kawtelatorju kontrih jista' jaghmel rikors lill-Qorti li tkun harget l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret il-kawza, jista' jaghmel rikors lill-Qorti li tkun qeghda titratta l-kawza, li fih jitlob li l-att kawtelatorju jigi revokat, sew ghall-kollox jew parti minnu, ghal xi wahda minn dawn ir-ragunijiet".*

Illi l-istess rikorrenti naqsu li jindikaw taht liema paragrafu minn *(a) sa (f)* qed jibbazzaw il-pretensjoni taghhom, u tenut kont tal-fatt li din hija l-unika procedura permezz ta' rikors fejn tista' tintalab ir-revoka ta' Mandat Kawtelatorju abbazi biss tar-

ragunijiet fuq premessi, fl-opinjoni ta' din il-Qorti, din ghanda tkun fatali ghat-talbiet tal-istess rikorrenti fir-rikors odjern. **("Marion Aquilina vs Victor Aquilina"** - P.A. RCP. 4 ta' April 2001.)

Illi minghajr pregudizzju ghal dak premess jinghad ukoll li mid-disposizzjoni tal-istess **artikolu 836** jidher li l-unika ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak biss ta' *prima facie,* u dan ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawza propja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel l-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn *si tratta* dejjem ta' procedura preliminari, li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprija.

Illi fil-fatt jista' jinghad li dak li trid taghmel il-Qorti f'din il-procedura huwa biss sabiex tezamina *prima facie* jekk min hareg il-mandat kellux pretensjoni legali ghall-istess, u dan indipendentement jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le, peress li dan l-ahhar ezami jifforma l-mertu tal-kawza, li din il-Qorti bil-procedura premessa, ovvjament ghandha thalli fil-gudizzju taghha, jew ta' Qorti ohra, ghall-ezitu tal-kawza. **("P.J. Sutters Company Limited vs Concept Limited"** – P.A. RCP. 10 ta' Mejju 2001; **"Visa Investments Ltd vs Blye Engineering Co. Ltd"** P.A. RCP. 7 ta' Frar 2001).

Illi jirrizulta mill-provi prodotti, u mill-atti li saru riferenza ghalihom mill-partijiet, li l-Mandat ta' Sekwestru indikat gie prezentat mill-intimati flimkien mac-citazzjoni fl-istess ismijiet premessi, u jittratta dwar l-istess meritu tal-kawza citata, u jidher ghalhekk li l-mertu tal-istess rikors ghandu jigi rizervat ghad-decizzjoni finali fl-istess kawza, ghaliex huwa biss fl-istess kawza li din il-Qorti ghandha tidhol fil-mertu tal-pendenza odjerna.

Illi minn ezami *prima facie* tal-allegazzjonijiet tal-partijiet, jidher car u palez li l-istess intimati ottjenew il-hrug tal-mandat kawtelatorju premess fuq il-pretensjoni li r-rikorrenti ghad baqghalhom ihallsu l-ammont bilancjali imsemmi fl-istess mandat, abbazi tal-allegazzjoni li l-ammont totali tal-appalt kien ta' Lm20,712, mentri r-rikorrenti qed jikkontestaw tali ammont totali tal-valur ta' xogholijiet stante li qed isostnu li l-ammont tal-appalt effettivament ezegwit mill-intimati kien ferm inqas, u fil-fatt inqas mill-istima ta' Lm18,430.48 redatta minn Victor Bonello, peress li certu xogholijiet indikati wkoll fl-istess stima lanqas biss saru mir-rikorrenti Joseph Camilleri, apparti li l-istess intimat thallas is-somma ta' Lm14,000 u mhux Lm13,000.

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti, dan kollu huwa l-mertu tal-pendenza ezistenti bejn il-partijiet fl-istess kawza ta' bejniethom fuq citata, u  ghalhekk certament li din il-

Qorti, f'dan l-istadju ma ghandhiex taghti gudizzju fuq l-istess, stante li tkun qed minflok tiddeciedi l-kawza, li ma huwiex l-iskop ta' din il-procedura abbazi tal-**artikolu 836 tal-Kap 12.**

Illi pero' min-natura stess tal-premessi tal-istess rikors u wkoll mill-allegazzjonijiet stess tal-istess socjeta' rikorrenti hawn riportati, jidher car li l-intimati kellhom pretensjoni u kawzali legali li abbazi taghhom talbu l-hrug tal-mandat kawtelatorju, u ghalhekk d-disposizzjonijiet tal-**artikoli 829, 831, u 835 tal-Kap 12** jidher li gew pjenament sodisfatti, tant li l-istess rikorrenti irrikonoxxew l-ezistenza ta' tali pretensjoni, tant li qed jitlobu li jigi dikjarat li l-valur tal-appalt ma huwiex dak li qed isostnu l-intimati, izda dak li gie stmat lilhom mill-indikat Victor Bonello, u ghalhekk ma hemmx bazi tal-mandat indikat. Illi huwa ovvju li dan ma jfissirx li l-pretensjoni tal-intimati hija fondata, ghaliex dan jista' jinghad biss mat-terminazzjoni tal-kawza indikata bejn il-partijiet, pero' qatt f'dan l-istadju, fejn il-Qorti hija limitata sabiex tezmina l-*prima facie* biss tal-pretensjoni tal-intimati, li certament tirrizulta, ghalkemm ovvjament kontestata.

Illi ghalhekk abbazi tal-premesss, ma jidhirx li t-talba tar-rikorrenti skond l-**artikolu 836 (1)** tista' tigi milqugha, peress li jidher li l-istess att kawtelatorju hareg fuq pretensjoni u kawzali rejali, li d-determinazzjoni taghha ghandha tigi biss deciza fil-

kawza apposita, u dan apparti li fl-ebda mument ir-rikorrenti ma identifika abbazi tal-**artikolu 836 (1) (a) sa (f)** n-natura tal-lamentela tieghu.

Illi fit-tieni lok jidher li s-socjeta' rikorrenti irreferiet ukoll ghall-**artikolu 836 (7)** u apparti l-fatt li gia gie indikat li l-att kawtelatorju premess setgha jsir, kif fil-fatt sar mill-intimati anke ghaliex jidher li gudizzjarjament tezisti *prima facie* l-pretensjoni tas-socjeta' intimata, jidher li dan s-subartikolu japplika biss meta tkun saret garanzija, u l-Qorti abbazi tal-istess tkun ordnat li jinhareg kontro-mandat, li certament ma hijiex il-kwistjoni odjerna, u ghalhekk anke din ir-raguni ghandha ghalhekk tigi rigettata.

Illi dwar it-talba ghall-hlas tal-penali *ai termini* tal-**artikolu 836 (8) tal-Kap 12,** apparti dak kollu fuq premess li jimmilita kontra l-akkoljiment ta' din it-talba, jinghad ukoll li jidher din hija ukoll infondata, stante li ma jirrizultax li r-rikorrenti ppruvaw li l-intimati ottjenew l-ispedizzjoni tal-istess mandat kawtelatorju jew inkella agixxew bi ksur tal-**artikolu 836 (8) (a) sa (d) tal-Kap 12,** u *di piu`* in vista ta' dak hawn premess lanqas jirrizulta li gie ppruvat li l-allegazzjoni tal-intimati hija malizjuza frivola u vessatorja. Anzi jirrizulta proprju l-kuntrarju, ghaliex tezisti pretensjoni da parte tal-istess intimati, li d-determinazzjoni taghha ser tigi deciza fil-kawza proprja, tenut kont tal-eccezzjonijiet hemm imressqa.

Illi ghalhekk it-talbiet tas-socjeta' rikorrenti ghandhom jigu michuda.

## III. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi** billi filwaqt li **tilqa' r-risposta tal-intimati**, tichad it-talbiet tar-rikorrenti Anthony u Helen Gove' fir-rikors taghhom tal-21 ta' Frar 2001 stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess intimati.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace**
**10 ta' Mejju 2001.**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur**
**10 ta' Mejju 2001.**